

# Il-Via Sagra l-Antika fil-Knisja tal-Lunzjata Sett ta' Inċiżjonijiet tas-sena 1782

Mons. Karm Borg

Fost il-knejjes tal-kampanja frekwentati kuljum, ġewwa l-gżira ta' Għawdex, hemm il-kappella ddedikata lil Marija Annunzjata li tinsab f'Wied il-Lunzjata li jifred iż-żewġ lokalitajiet tar-Rabat u Ta' Kerċem. Sa madwar erbgħin sena ilu, f'din il-kappella rurali ma kenitx issir il-quddiesa ta' kuljum. Madanakollu kuljum, kienet tkun miftuħa fuq ir-rixtellu għal dawk id-devoti – l-iktar mir-Rabat u minn ta' Kerċem – li spiss kienu jmorru jinvistaw lill-Madonna f'dan is-santwarju ċkejken tagħha.

Apparti d-devozzjoni lejn Marija Annunzjata li fuq medda ta' diversi sekli ixxettlet u kibret f'din il-kappella sa minn żmien il-medjuevu, kien hawn ukoll devozzjoni oħra li fiż-żminijiet l-imgħoddija kienet ħafna iktar ħajja milli hi l-ġurnata tal-lum. Hawn qed nnirreferi għad-devozzjoni lejn il-*Via Crucis.* Sal-lum għadni nisma' anzjani ta' 'l fuq minn tmenin sena jgħiduli li meta kienu għadhom żgħar kienu jiġu flimkien ma' ommhom, xi drabi familji sħaħ, biex jinviżtaw il-Via Sagra f'din il-Kappella. U dan fil-ġurnata tal-Ġimgħa matul is-sena kollha, u l-iktar fil-ġranet tar-Randan. Fix-xahar ta' Marzu dari kienet issir ukoll quddiesa kull nhar ta' Ġimgħa; u dan b'qima lejn il-Passjoni ta' Kristu li seħħet propju fil-jum tal-Ġimgħa.

**Kif bidet id-devozzjoni tal-*Via Crucis* fil-Knejjes ?**

L-oriġini tad-devozzjoni tal-*Via Crucis* imur lura ħafna sekli. Fl-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu, għadd mhux żgħir ta' nsara kienu jżuru l-Art Imqaddsa propju biex jieqfu jitolbu u jimmeditaw fuq diversi postijiet sagri li jfakkru s-sofferenzi ta' Kristu waqt il-passjoni tiegħu, fi triqtu minn għand Pilatu sal-Kalvarju. Id-devozzjoni lejn il-Passjoni ta' Ġesu` Kristu xterdet ħafna fis-sekli 12 u 13, fi żmien il-Kruċjati. Maż-żmien, l-iktar mis-seklu 15 'l hawn, f'ħafna knejjes kbar u żgħar, minn katidrali famużi sa kappelli tal-kampanja, bdew jitwaqqfu l-istazzjonijiet tal-Via Sagra. Hekk l-insara beda jkollhom fil-knejjes tagħhom immaġni artistika tal-mumenti l-iktar importanti tal-Passjoni tas-Sinjur tagħna Ġesu` Kristu biex setgħu iktar ta' spiss u b' mod iktar faċli jimmeditaw il-misteru tar-Redenzjoni. Wieħed irid jiftakar li iktar ma wieħed imur lura fiż-żmien iktar kien hawn nies illetterati, u allura l-għajnuna viżwali permezz ta' stampi jew pitturi kienet neċessarja għal dawk li ma kinux jafu jaqraw.

Ta' min jgħid li l-għadd tal-istazzjonijiet tal-Via Sagra u t-titli tagħhom mhux dejjem kien l-istess, u tbiddel diversi drabi matul is-sekli.

L-istazzjonijiet tal-Via Sagra fil-Kappella tal-Lunzjata jmorru lura mijiet ta' snin. Żgur li nbidlu matul is-snin. Hekk pereżempju nafu li fis-7 ta' April 1964, l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Ġuzeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, kien bierek Via Sagra ġdida f'din il-knisja; din ħadet post dik antika li kien ilha hemm għal bosta snin. Il-Via Sagra l-ġdida saret fi żmien ir-Rettur Dun Ġużepp Azzopardi li kien beda jamministra l-knisja tal-Lunzjata madwar erba' snin qabel. Ma nafux kemm swew l-istazzjonijiet il-ġodda; imma għad baqa' reġistrata l-ispiża ta' dik iċ-ċerimonja li saret dakinhar tal-inawgurazzjoni u t-tberik ta' din l-opra ġdida. Għal din iċ-ċerimonja ir-Rettur Dun Ġużepp Azzopardi kien ħallas is-somma ta' £3. 5s. 0d. (*Libro Introito/ Esito 1920-1973, p. 55*).

**Xogħol ta' Artisti diversi**

L-istazzjonijiet tal-Via Sagra l-antika kienu twarrbu fil-ġenb u tpoġġew f'post fejn, minħabba l-umdita`, ġratilhom ħsara enormi. U dan biex ma nsemmux il-ħsara li kompliet issir matul dawn l-aħħar ħamsin sena mill-insetti u mill-kamla. Illum baqa' minnhom xi fdal li pero` jista' jagħtina ħjiel ta' kif kienet din il-Via Sagra li kien hemm għal ħafna snin fil-kappella tal-Lunzjata. Apparti l-preġju tagħha fiha nfisha, bla dubju



ta' xejn din kienet żgur tixraq u toqgħod aħjar fil-kuntest sħiħ ta' kappella medjevali bħalma hija dik tal-Lunzjata. L-immaġni tal-Passjoni li kienu jsawru l-*Via Crucis* l-antika kienu inċiżjonijiet, xogħol ta' diversi artisti ippublikat ġewwa Ruma fis-sena 1782 minn Pietro Leone Bombelli (Ruma 1737-1809) inċiżur u stampatur, bil-koperazzjoni ta' diversi kollaboraturi. L-uniku stazzjon li għadu jeżisti - kważi sħiħ - mill-erbatax li kien ħawn fil-Kappella tal-Lunzjata huwa it-III Stazzjon u parti sostanzjali mit-XII –il Stazzjon, it-tnejn li huma ta' Francesco Cecchini, li fil-lista alfabetika tal-inċiżuri li pproduċew din is-serje ta' inċiżjonijiet, jissemma dritt wara dak tal-inċiżur u l-istampatur Bombelli li ppublika din l-opra. L-artisti oħrajn li kkontribwew għall-produzzjoni ta' din il-Via Crucis huma Lorenzo Benedetti (li t-tagħrif dwaru huwa skars ħafna) [id-IX Stazzjon], Bombelli (I , II, XIV –il Stazzjon) Angelo Campanella ( Ruma 1746-1811) [VI Stazzjon], Antonio Cappellan (Venezia? 1735c.-1805c.) [IV u l-X Stazzjon], Giuseppe Cappellan [VIII Stazzjon], Giuseppe Perini (Ruma 1748-1797) [V Stazzjon], u Francesco Pozzi (Ruma 1750-1805) [ VII u XI-il Stazzjon ].

**Min kien Francesco Cecchini?**

Kif diga` għidt, l-uniċi tifkiriet li nistgħu ingawdu u napprezzaw xi ftit minn din l-opra li kien hemm fil-Knisja tal-Lunzjata huma xogħol ta' Francesco Cecchini. U allura jixraq li ngħidu xi ħaġa dwaru. Min kien Francesco Cecchini? Dan kien inċiżur Ruman li għex fl-aħħar nofs tas-seklu 18 u miet fis-sena 1811. Huwa żvolġa l-karriera tiegħu lejn tmiem is-seklu 18 u fl-ewwel snin tas-seklu 19. Kien alliev ta' Giovanni Volpato ( Bassano 1740 – Ruma 1803).

Francesco Cecchini tħarreġ flimkien ma' ħafna artisti oħrajn, li dik il-ħabta, fettxew li jmorru Ruma biex jiżviluppaw it-talent artistiku tagħhom fl-iskola tal-inċiżjoni fuq il-pjanċi tar-ram. Hawn huwa rsista fuq xogħlu u trawwem sew fl-arti inċiżorja, tant li ħalla warajh ħafna xogħolijiet artistiċi.

Fix-xogħolijiet tiegħu, Cecchini spiss kien ispirat minn artisti tal-imgħoddi bħal Morone, Perugino, Raffaello, Reni, u Carlo Maratti. Kien ritrattista bravu. Barra minn xogħolijiet fuq ritratti ta' persunaġġi, Francesco Cecchini kien jogħxa jaħdem fuq suġġetti sagri u oħrajn klassiċi-mitoloġiċi. Fost is-suġġetti sagri ta' Cecchini ta' min isemmi "Il-miraklu tat-tkattir tal-ħobż u tal-ħut" u l-iskiżż tad-"Depożizzjoni". Fost inċiżjonijiet oħra b'suġġett sagru Cecchini għandu wkoll ix-xeni tan-natitivita`, it-trasfigurazzjoni, il-profeti,







flimkien ma' temi oħra mehduda kemm mit-Testment il-Qadim kif ukoll mit-Testment il-ġdid.

### Dmir tagħna li ngħożżu l-Patrimonju Artistiku

Illum dik il-*Via Crucis* li missirijietna tal-imgħoddi gawdew u talbu quddiemha fil-knisja tal-Lunzjata għal ħafna snin, nistgħu ngħidu li ftit baqa' minnha. Baqa' biss xi ħaġa żgħira li qegħda hemm biex lilna tifthilna għajnejna u tfakkarna fid-dmir li għandna li għallinqas ngħożżu l-ħafna opri artistiċi antiki li sal-lum għad għandna fil-knejjes tagħna. Sfortunatament hemm affarijiet li jinsabu fi stat ħażin. Oħrajn inqerdu u spiċċaw għal kollox. Xi drabi minħabba nuqqas ta' apprezzament jew minħabba taskuraġni; oħrajn insterqu jew itieħdu b'ingann u llum lanqas biss nafu fejn huma. Ħasra li f'xi każi lanqas biss baqa' ritratt tagħhom.